# ID-DAWL

FRAR 2019 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 14

**“Huwa għamel kumpanni għalikom mill-istess qatgħa tagħkom.”**



In-Nisa l-Ewwel | Il-Wirt | Il-Bażi taż-Żwieġ | Kontra FGM

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IN-NISA L-EWWEL

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Fiż-żminijiet tal-lum il-frażi bl-Ingliż "*ladies first* – in-nisa l-ewwel" hija użata l-ħin kollu madwar id-dinja. Għalkemm bħala azzjoni mhijiex dejjem applikata, madanakollu bħala prinċipju hija importanti ħafna. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem ikun fuqu, għallimna biex dejjem nagħtu preċedenza lin-nisa qabel kulħadd.

Darba Ħażrat Safiyyah[ra], il-mara tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], kienet qiegħda tivvjaġġa miegħu. Kienet tgeżwer lilha nnifisha f'liżar u toqgħod bilqiegħda warajh fuq dahar il-ġemel. Kull meta kienet tirkeb fuq il-ġemel, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien joffri rkopptu biex hi titla' minn fuqha. Din id-darba l-ġemel li kienu rikbin fuqu l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u Ħażrat Safiyyah[ra] żelaq u t-tnejn li huma waqgħu minn fuqu. Wieħed kumpann, Abu Talħa[ra], telaq jiġri lejn il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] biex jgħinu. Iżda l-Profeta ta' Alla qallu biex l-ewwel imur jagħti l-għajnuna tiegħu lis-sinjura. (*Bukhari*)

**ID-DAWL**
Frar 2019 – Numru 14 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Il-Qoxra:** StockPixel Photography | Shutterstock

# IL-BAŻI EWLENIJA TAŻ-ŻWIEĠ

Fejn jidħlu r-relazzjonijiet bejn membri differenti tal-familja, l-aktar relazzjoni importanti hija dik mantnuta bejn ir-raġel u l-mara, għaliex fuqha jiddependi l-benesseri tal-familja kollha u fl-aħħar mill-aħħar il-benesseri tan-nazzjon kollu. L-ewwel regola mogħtija mill-Iżlam fuq din ir-rabta hija li din ir-relazzjoni għandha tkun ibbażata primarjament fuq konsiderazzjonijiet morali u mhux fuq dawk ta' sbuħija, għana jew pożizzjoni. Il-Koran Imqaddes iwissi lil dawk li jkunu ser jiżżewġu biex jirriflettu dwar l-effett li din ir-rabta intenzjonata tista' tħalli fuq is-safa ta' ħajjithom, u liema tip ta' legat f'forma ta' diskussjoni se tħalli warajha. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jgħid:

> **"Xi nies jiżżewġu għall-ġmiel, oħrajn għall-pożizzjoni u oħrajn għall-għana, iżda inti għandek tiżżewweġ mara tajba u devota."** (*Bukhari, Kitab-al-Nikah*)

Dan biss għandu jkun il-bażi vera taż-żwieġ, u jekk ma titteħidx inkonsiderazzjoni l-għażla tas-sieħeb/sieħba, ir-relazzjoni bejn raġel u mara mhix se tkun waħda trankwilla u l-kwistjoni tar-rabta se tkun imqanqla sew...

Għaldaqstant, l-għażla tar-raġel jew tal-mara ssir affari ta' importanza enormi. Għalhekk, l-ewwel regola magħmula mill-Iżlam turi li fl-għażla tas-sieħeb/sieħba trid tingħata ħafna aktar attenzjoni lill-kwalitajiet tar-ras u tal-qalb milli ċ-ċirkustanzi esterni tad-dehriet, ir-rikkezzi u l-pożizzjoni. L-Iżlam ma jikkundannax dawn l-affarijiet, iżda m'għandhomx ifornu l-bażi ewlenija taż-żwieġ. Jekk raġel u mara jersqu lejn xulxin bis-saħħa tat-tjubija, il-morali u l-intelliġenza tagħhom, u fl-istess waqt ma jkunux nieqsa mill-ġmiel, l-għana u l-pożizzjoni, mela r-rabta ta' bejniethom tkun imbierka darbtejn; iżda s-sbuħija, l-għana u l-pożizzjoni, fihom infushom, mhumiex garanziji ta' hena permanenti. Kieku ż-żwiġijiet kollha jkunu bbażati fuq dan il-prinċipju, kieku mal-ewwel isseħħ rivoluzzjoni morali fid-dinja, u l-qagħda ta' dawn iż-żwiġijiet tkun aktar soġġetta għad-dixxiplina u l-avvanz morali u spiritwali. (Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra], *Ahmadiyyat Yani Haqiqi Islam*, p. 235-237)

# TOLLERANZA ŻERO GĦAL FGM

Kull sena s-sitta ta' Frar hija ċċelebrata bħala l-Jum Internazzjonali tat-Tolleranza Żero għall-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (FGM) bħala parti mill-kampanja tan-Nazzjonijiet Uniti biex ittemm il-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa u l-bniet. Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (FGM) tinkludi proċeduri, 'li jinvolvu t-tneħħija parzjali jew totali tal-organi ġenitali femminili minn barra, jew tidrib ieħor lill-organi ġenitali femminili għal raġunijiet li mhumiex mediċi.' M'hemm l-ebda benefiċċji mediċi magħrufa ta' din il-prattika, iżda ħsara biss li jinkludu fost affarijiet oħra, tnixxija severa ta' demm, infezzjonijiet, problemi urinarji u żieda fir-riskju ta' mewt ta' trabi.

Minkejja dawn l-effetti negattivi, proponenti tal-FGM ilhom ħafna jsostnu li din l-użanza hija essenzjali biex tassigura li mara tibqa' verġni qabel iż-żwieġ u hija simbolu tal-virtù u d-dinjità ta' mara. Interessanti li filwaqt li ma nafux fiċ-ċert l-oriġini tal-FGM, huwa maħsub li din id-drawwa tmur lura għal aktar minn 2000 sena – sal-Eġizzjani tal-qedem fejn kienet tiġi pprattikata bħala sinjal ta' distinzjoni qalb l-aristokratiċi.

**B'għeruq daqstant preistoriċi, wieħed jista' jgħid li din l-użanza ma ġietx introdotta mill-Iżlam, kif fil-fatt ħafna jallegaw. Fil-verità, il-Koran Imqaddes u l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qatt ma tkellmu dwar l-FGM.**

**Barra minn hekk, huwa diffiċli nimmaġinaw kif il-Profeta Muħammad[sa], li ta informazzjoni dettaljata dwar l-aspetti kollha tal-ħajja ta' Musulman, inkluż il-proċessi interni femminili bħall-mestrwazzjoni, seta' jħalli barra ċ-ċirkonċiżjoni femminili kieku kien ordnat mill-Iżlam. Lanqas hemm ħjiel li kien hemm xi ċirkonċiżjoni femminili qalb in-nisa tal-Profeta[sa].**

Il-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (FGM) baqgħet teżisti bħala użanza kulturali b'mod partikolari fil-pajjiżi Afrikani. Xi wħud bħas-Somalja għandhom sorprendentament rata ta' prevalenza għolja ħafna b'98%




Lindsay McLean | Shutterstock

tan-nisa jiġu ċirkonċiżi filwaqt li fil-Guinea 96% tan-nisa jkollhom isofru minħabba din l-użanza. Dawk li jimmilitaw favur il-FGM ħafna drabi jsemmu r-relattiviżmu kulturali bħala l-argument li jissapportja d-difiża tagħhom ta' din il-prattika, fejn iħaqqu li din hija dritt protett, bħal kull dritt uman ieħor fundamentali.

Madanakollu, dawn l-argumenti mhumiex popolari mat-trattazzjoni tad-drittijiet fuq dan is-suġġett u hu sostnut li prattiki li assolutament mhumiex kompatibbli mal-kunċett plawsibbli tad-drittijiet tal-bniedem m'għandhom jimmeritaw l-ebda protezzjoni.

Hemm ċerti mġibiet li jfarrku l-vera essenza li wieħed ikun bniedem u huma parodija tad-dinjità umana. Dawn jinkludu krimini faħxin bħall-ġenoċidju u t-tortura u jifformaw parti minn kategorija speċjali li jirreferu għaliha bħala normi 'perentorji' – li ma jħallu barra l-ebda eċċezzjoni. Kien hemm sejħiet biex il-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (FGM) tkun meqjusa bħala norma perentorja mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet fuq il-bażi ta' kultura jew raġunijiet oħra.

(Ayesha Maħmood Malik LLM, Harvard, *The ROR*, Frar 2018)

# IL-WIRT U S-SUĊĊESSJONI

Waħda mis-sitwazzjonijiet relatata mar-relazzjonijiet fil-familja hija l-kwistjoni tal-wirt u s-suċċessjoni. L-Iżlam waqqaf tant regoli perfetti għar-regolazzjoni tal-wirt, li l-persuni imparzjali kollha, ikunu ta' liema reliġjon ikunu, jaffermaw is-sens ta' ġustizzja u l-għerf li fihom.

L-Iżlam inkluda n-nisa, il-ġenituri, l-irġiel u n-nisa miżżewġa fil-lista tal-werrieta. Huwa jipprojbixxi l-esklużjoni tal-werrieta kollha mis-suċċessjoni; u lanqas wieħed ma jista' jċaħħad lill-werrieta kollha mis-sehem tagħhom tal-wirt billi jippjana li jwarrab il-wirt kollu minnhom.

Testment jista' jsir biss b'rispett lejn terz tal-proprjetà tat-testatur; il-bqija jridu jmorru għand il-werrieta tiegħu. U testment ma jistax isir bi preferenza ta' werriet wieħed, kull werriet jista' jikseb biss is-sehem speċifiku tiegħu tal-wirt u xejn aktar.




Alexkich | Shutterstock

# IS-SEHEM TA’ MARA FIL-WIRT

Is-sehem ta’ werrieta mara huwa f’ħafna każi n-nofs ta’ dak ta’ werriet raġel. F’ċerti każi eċċezzjonali mara jirnexxilha tikseb sehem ugwali bħal tar-raġel, iżda hemm raġunijiet speċjali li jiġġustifikaw dan it-tluq mir-regola ġenerali.

Xi wħud jaħsbu li r-regola li tagħti lir-raġel sehem doppju mill-mara hija inġusta. Dawn jinsew li taħt il-maġġoranza tal-liġijiet anki tal-lum id-drittijiet tan-nisa mhuma rikonoxxuti xejn, u huwa l-Iżlam biss li rnexxielu jagħti l-jeddijiet sħaħ lin-nisa.

**Ir-raġuni għal din ir-regola hija li mara mhijiex mitluba li tmantni lilha nnifisha jew lil uliedha mill-proprjetà tagħha stess. F’kull każ hija għandha tiġi mantnuta minn żewġha, filwaqt li r-raġel huwa mgħobbi bir-responsabbiltà li jmantni lil martu u lil uliedu.**

Jekk mara tiżżewweġ hija tinħeles mill-inkwiet kollu li jirrigwarda l-manteniment tagħha u ta’ wliedha, u jekk ma tiżżewwiġx – xi ħaġa li l-Iżlam ma japprovax – hija jkollha lilha nnifisha biss biex tmantni mill-proprjetà tagħha stess.

Jekk raġel jiżżewweġ, u l-Iżlam jamarlu dan, huwa jitgħabba bir-responsabbiltà li jmantni lil martu u lil uliedu. Jekk inżommu dan quddiemna mela l-Iżlam iffissa li s-sehem tar-raġel ikun id-doppju ta’ dak tal-mara, u dan huwa perfettament ġust.

(Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra],
*Khalifatul-Masih II*, *Ahmadiyyat Yani Haqiqi Islam*, p. 246-247)

# DISKORSI TAL-QADDIS PROFETA MUĦAMMAD[SA] DWAR RISPETT LEJN IN-NISA

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal:

Mid-dinar li tonfoq f'isem Alla; id-dinar li tonfoq biex tiggarantixxi l-ħelsien ta' lsir; id-dinar li tagħti għall-karità lill-fqar u d-dinar li tonfoq fuq martek u wliedek, l-ogħla li jistħoqqlu premju huwa dak li tonfoq fuq martek u wliedek.

(*Muslim*)

**Dak kollu li tistgħu tfittxu li jista' jagħti sodisfazzjon lil Alla jkollu l-premju tiegħu, anki dak li tqiegħdu fil-fomm ta' martkom.**

(*Bukhari u Muslim*)

Id-dinja hija ħlief provvediment u l-aqwa provvediment fid-dinja hija mara twajba.

(*Muslim*)

**Alla, jiena niddikjara bħala dnub il-falliment li nipproteġu d-drittijiet ta' żewġ dgħajfin: l-orfni u n-nisa.**

(*Nisai*)

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**